**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2011

**SEDUTA NUMRU 9 – AĠĠORNAMENT**

IT-TLIETA 20 TA' APRIL 2009 FIS-2.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PRE|ENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Is-Sindku A. Vassallo pproponiet li l-Minuti tas-Seduta Numru 8 ji[u approvati wara li dawn [ew emendati. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Kien hemm vot unanimu.

ii IS-Sindku A. Vassallo pproponiet ukoll li jiġu approvat l-Aġġornament tas-Seduta Numru 8. Il-Kunsillier F. Roe ssekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

iii Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

I Il-Kunsill-Kunsill ġie nfurmat li l-Avviż Legali propost mill-ADT dwar l-iskema ta' l-ipparkjar għar-residenti għadu ma ġiex iffirmat. Ġie deċiż li jsir komunikat mal-Ministru A. Gatt li huwa responsabbli minn din il-materja.

ii Dwar il-possibilta' li tiġi nsatallata ATM fil-Lokalita' is-Sindku nfurmat li tkellmet matl-Manager tal-BOV Gzira dwar dan. Huwa ħa l-inkarigu li jinforma lit-taqsima tal-bank responsabbli minn dan is-servizz biex issir laqgħa mal-Kunsill dwar din il-materja. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li jekk din se ssir ġo xi *soft* area dawn għadhom fir-responsabbilta' tad-Dipartiment ta' l-Artijiet peress li għadhom ma ġewx devoluti lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li jinbeda' l-proċess għad-devoluzzjoni ta' dawn is-soft areas.

.

| | |
|---|---|
| Antoinette Vassallo | Marisa Pisani |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli…)

iii Is-Segretarju Eżekuttiv rreferiet għal-proċess biex jitneħħa wieħed mill-arloġġl tad-dawl u infurmat li x-xogħol minn naħa tal-*electrician* huwa lest. Hija nfurmat ukoll li minkejja li hemm sentenza tal-Qorti, l-*accountant* tad-Dhalia nfurmana li l-Kunsill irid jirrifondi lil-kumpanija l-ammont li tħallas minnhom qabel ma jagħmel l-arranġamenti biex il-kont imsemmi idur fuq il-Kunsill. hija spjegat li skond is-sentenza l-Kunsill hu obbligat li jħallas biss l-ammont indikat fis-sentenza. Ġie deċiż li l-Avukat tal-Kunsill jerġa' jikteb lid-Dhalia dwar dan u anke għandu jżommhom responsabbli għall-kull ma jista' jinqala' minħabba din is-sitwazzjoni. Il-Kunsill ġie nfurmat li nbdew ix-xogħlijiet fuq l-installazjoni tal-*fire alarm system* fl-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hemm bżonn li jitwaħħlu xi *sensors* oħra fl-uffiċini. Il-Kunsill qabel unanimament li jsir dak kollu li hemm bżonn biex titħares is-sigurta ta' l-uffiċċju.

iv Is-Sindku nfurmat bil-laqgħa li saret mal-Bord ta' l-Aġġudikazzjoni ta' l-Iskema ta' Isport. Hija qalet li mill-programm kollu li ġie sottomess il-Kunsill se jibbenifika biss madwar € 180, li hija nofs l-ispiża ta' l-*instructors*. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li mhux vijabbli li nkomplu bl-applikazzjoni pero' aktar il quddiem dawn l-attivitajiet xorta jiġu organizzati mill-Kunsill.

vi Il-Kunsillier F. Roe informa li t-tabelli dwar il-*Bye Law* ta' l-Itlajjar twaħħlu.

vii Is-Segretarju Eżekuttiv rreferiet għal-proġett 2ools u nfurmat li 80% tal-allokazzjoni mill-EU ġie ddepożitat fil-kont tal-Kunsill. Hija nfurmat li l-bilanċ jiġi mgħoddi meta jiġi sottomess u approvat mill-EUPA ir-rapport dwar din l-attivita'. Hija qalet ukoll li mir-rendikont jirriżulta li l-Kunsill ser jkollu joħroġ xi flejjes żgħar mill-fondi tiegħu. Il-Kunsillier A. Castelletti u F. Roe tkellmu dwar l-attivita' u qalu li kienet suċċess. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li trid issir laqgħa mal-Park Hotel dwar il-kont ta' l-akkomodazjoni qabel ma' jitħallas il-bilanċ.

Antoinette Vassallo Marisa Pisani

**II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (ikompli…….)**

viii Dwar il-proġett tat-tisbiħ tal-*junction* il-Kunsillier E. Muscat qal li s-Sur O. Lautier talab li ssir laqgħa fil-post mal-Kunsill għada fid-9.00 ta' filgħodu. Il-Kunsill qabel ma dan. Ġie deċiż li waqt il-laqgħa nitkellmu ukoll dwar l-estimi tal-Bankini li għandhom bżonn il-manutenzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-lista, fuq żewġ fażijiet, ilha li ntbgħatet lid-Dipartiment konċernat u s'issa għad ma kellna l-ebda risposta.

ix Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għad m'hemm l-ebda risposta dwar ir-riċerki li qed jagħmel in-nutar dwar il-binja ta' l-Uffiċċju tal-Kunsill. Hija ħadet l-inkarigu li tagħmel *follow up* tal-każ.

x Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għad m'hemm l-ebda risposta għad-diversi ittri li nkitbu lill-ADT. Hija qalet li kull ġimgħa jintbagħtu wkoll *reminders.* Il-Kunsillier E. Muscat ħa l-inkarigu li jkellem lill-Perit D. Vassallo dwar dan.

xi Dwar ix-xogħlijiet tal-*culverts* fix-Xatt il-Kunsill ġie infurmat li ma kien hemm l-ebda żvilupp.

xii Is-Sindku rrappurtat dwar il-laqgħa li kellha ma Sur M. Balzan tad-D*erek Garden Centre.* Hija qalet li dan kellu jħawwel il-kumplament tas-siġar pero' sa llum għadu ma ħawwel xejn. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kont tiegħu ma jistax jintbgħat lill-HSBC peress li għad m'hemmx ċertifikazzjoni tax-xogħlijiet. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tagħmel *follow up* tal-każ.

xiii Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s'issa għadu ma sar l-ebda permess u pagament mis-sidien għad-diversi ħitan li telgħu fejn qed isir l-iżvilupp fit-Toroq Testaferrata, Abate Rigord, il-Ħalġ c/w l-Watar. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja. Is-Sindku nfurmat li hi kellha laqgħa ma uħud mis-sidien dwar dan u talbithom li jirregolaw ruħhom. Hija qalet ukoll li personalment reġgħet marret tkejjel il-ħitan imsemmija. Ġie deċiż li jintbgħatu n-notifiki ta' Marzu u f'każ li ma jkun hemm l-ebda żvilupp jittieħdu passi legali.

Antoinette Vassallo Marisa Pisani
Sindku Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (ikompli…….)

xiv Il-Kunsill ġie nfurmat li l-bozza fl-isqaq ta' Triq E. Mizzi twaħħlet u anke tressqet oħra fl-istess Triq.

xv Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għad m'hemm l-ebda risposta dwar id-devoluzzjoni ta' l-art fix-Xatt.

xvi Is-Sindku nfurmat li sar ix-xogħol biex jinfetaħ l-isprall fi Triq il-Qaws kif ukoll saret manutenzjoni ta' l-ispralli l-oħra kollha fil-Lokalita'.

xvii Is-Sindku nfurmat li l-quddiesa għal-ruħ Matthew Psaila se ssir nhar il-Ħamis 7 ta' Mejju 2009 fis-6.oopm.

xviii Is-Sindku rrappurtat dwar l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Konġunt għall-Infurzar Lokali. Hija nfurmat li sar eżerċizzju dwar iċ-ċittazzjonijiet li hemm pendenti kemm dawk *pre pooling* kif ukoll *post pooling*. Hija qalet ukoll li l-aġenzija l-oħra li kienet qed tagħmel dan ix-xogħol hija sussidjarja tad-Datatrak. Għaldaqstant ġie deċiż li jkun aktar vijabbli li x-xogħol isir mid-Datatrak. Hija nfurmat ukoll li b'kollox hemm madwar € 2 miljuni x'jinġabru li minnhom madwar € 60,000 huma ta' Ta' Xbiex. Is-Sindku qalet li qed jinħadem *software* biex jiffaċilita' l-ġbir ta' dawn il-flejjes u li l-Kunsill se jkollu aċċess għalih.

xix Il-Kunsill ġie nfurmat bil-laqgħa li saret ma' Ms. Maria Schembri tal-MEUSAC. Ġie moqri l-kuntratt ta' kooperazzjoni li jrid jiġi ffirmat bejn il-partijiet. Il-Kunsill iddiskuta l-oqsma li fihom jista' jipparteċipa fi programmi tal-EU. Ġie deċiż li nagħżlu l-qasam taż-żagħżagħ, l-ambjent, l-*energy saving, gender equality,* is-saħħa, l-impjiegi, t-turiżmu, l-anzjani u l-ġemellaġġi. Is-Sindku pproponiet li dan il-Kuntratt jiġi approvat. Il-Kunsillier E. Muscat u l-Kunsillier F. Roe issekondaw. Dan ġie approvat unanimament.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (ikompli…….)

xx Il-Kunsillier E. Muscat ħa l-inkarigu li jkellem lill-*electrician* dwar l-electric *locks* li kellhom isiru fil-bibien u CCTV camera fuq il-bieb ta' barra.

xxi Is-Segretarju Eżekuttiv irrappurtat dwar il-laqgħa li kellha mal-Kumpanija Go dwar ix-xiri tal-linji tal-*mobile.* Hija nfurmat li dawn qed joffru xi linji b'xejn inkluż waħda fuq il-*landline* kif ukoll issusidjar fix-xiri tal-mobile. Hija nfurmat ukoll li dawn se jibgħatu kuntratt ta' koperazzjoni bejn il-Kunsill u l-Kumpanija Go li diġa' huwa eżistenti f'diversi Kunsilli oħra.

xxii Il-Kunsill ġie nfurmat li l-*insurance* ma l-*Atlas* ġiet imġedda. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti spjega li sa llum f'Malta teżisti Kumpanija waħda biss li tkopri l-*public liability*. Huwa qal li peress li l-prezzijiet ta' din l-assikurazzjoni huma għoljin ħafna qed jagħmel riċerka fis-suq internazzjonali.

xxiii Il-Kunsill iddeċieda li l-kuntratt tal-*Contract Manager* jiġi estiż sa l-aħħar ta' Mejju u ssir sejħa għall-offerti. Ġie deċiż ukoll li ssir sejħa għall-offerti għat-tabelli ġodda tat-traffiku. Il-Kunsill iddiskuta l-kuntratt tas-servizzi klerikali peress li bir-riforma tal-Kunsilli Lokali dan ġie nul. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ppropona li jintalab permess għal-żewġ persuni *part time* li persuna minnhom ikollha livell ta *middle management* . Is-Sindku A. Vassallo ssekondat din il-proposta u kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

i Il-Kunsill iddiskuta r-rapport ta' l-effiċenza li ġie ċċirkulat lill-Kunsilliera. Ġie deċiż li niktbu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u noġġezjonaw li dawn ir-rapporti qed jaslu l-Kunsill sena wara li jkun saru l-ispezzjonijiet. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jaslu għand il-Kunsill meta jkunu relevanti.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli…….)

ii Is-Sindku qrat l-ittra tas-Sur C. Gatt, bejjiegħ tal-ġelati, dwar talba biex ipoġġi imwejjed u siġġijiet fix-Xatt. Peress li s-sena l-oħra l-pulizija kienu ġibdu l-attenzjoni li dan suppost ikollu permess ukoll ta' entitajiet oħra minbarra tal-Kunsill ġie deċiż li nitolbu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jiggwidana dwar il-każ.

iii Ġiet diskussa r-rikjesta tad-Direttur tal-"Iskema tal-Isperżerija tal-Għażla Tiegħek" biex isir *reserved parking* quddiem l-ispizerija fil-Lokalita'. Ġie stabbilit li f'Ta' Xbiex hawn spiżerija waħda, dik fit-tarf ta' Triq Abate Rigord *(Remidies).* Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan dment li r-*reserved bay* issir bejn Triq Ġ. Cali' u Triq il-Ġnien (quddiem il-*Globe).*

iv Ġiet ippreżentata ċ-ċirkulari tal-AKL dwar il program tal-EU – AICCRE li jitratta dwar it-trasport urban.

v Il-Kunsillier F. Roe rraporta dwar il-laqgħa li saret dwar it-trasport pubbliku u li fiha ġie ppreżentat ir-rapport dwar ir-riforma. Huwa ressaq diversi punti u kummenti dwar dan ir-rapport. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ppropona li l-*fielder line* ikun amalgamat ma tal-Gzira. Il-Kunsill qabel ma dawn il-proposti.

vi Il-Kunsill iddiskuta l-*Bye Law* dwar twaħħil ta' reklami fuq għamara tat-toroq li ġiet ippreżentata mill-Kunsillier A. Cachia Castelletti. Huwa qal li din ġiet ibbażata fuq dik li għandhom il-Kunsill Lokali tal-Pieta'. Is-Sindku qrat il-kontenut li jinkludi t-tariffi. Din ġiet diskussa mill-Kunsill. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ppropona li din tiġi approvata. Is-Sindku u l-Kunsillier E. Muscat issekondaw. Kien hemm vot unanimu dwar dan.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

**III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli…….)**

vii Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti talab li tiġl mressqa mozzjoni b'urġenza dwar l-emmissjonijiet CO2. Huwa qara l-mozzjoni u s-Sindku u l-Kunsillier E. Muscat ssekondaw. Din ġiet diskussa mill-Kunsill. Is-Sindku qalet li hi taqbel fil-prinċipju li jsir studju dwar dan pero' ma tħoss li m'għandhomx jissemmew il-flats. Hija pproponiet din l-emenda:

***Il-Kunsill jaqbel li jsir sutdju dwar il-vantaġġ li wieħed juża' solar energy systems biex ir-residenti jagħmlu użu minn dawn is-sistemi. Dan jikkumplimenta r-riżoluzzjoni tal-Kunsill li jingħaqad mal-għan ta' l-EU li sas-sena 2020 inaqqas s-CO2 emmissions bi 20%.***

Il-Kunsillier E. Muscat u il-Kunsillier F. Roe ssekondaw l-emenda. Kien hemm vot unanimu dwar dan.

viii Il-Viċi Sindku ppreżenta rapport b'diversi lmenti u suġġerimenti.

ix Il-Kunsillieri A. Cachia Castelletti rrapporta li hemm periklu fit-*T junction* fi Triq id-Deffa (faċċata tad-dar Frott il-Ħidma). Huwa talab li jittieħdu passi biex jiġi evitat li jsir xi inċident. Il-Kunsillier F. Roe ħa l-inkarigu li jara x'inhu l-aħjar li jsir biex ma jkunx hemm periklu. Il-Kunsill iddiskuta ukoll x'jista' jsir fit-tarf ta' Triq il-Prinċipessa Margerita, ħdejn Blk B5, peress li hemm iċ-ċint baxx ħafna u hemm fondoq warajh. Il-Kunsillier E. Muscat ippropona li titwaħħal grada tal-ħadid li qed jinqalgħu mill-flats meta jiġi nstallat il-lift. Kulħadd qabel ma dan.

x Il-Kunsillier F. Ror ppreżenta rapport b'diversi xogħlijiet li jridu jsiru mill-Kunsill.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli…….)

xi Il-Kunsillier E. Muscat ippropona li ssir esebizzjoni dwar l-ismijiet tat-toroq ta' Ta' Xbiex. Huwa qal li t-toroq jew imsemmija ghal-persuni prominenti jew ghan-newl. Is-Sindku qalet li din tista' tiġi organizzata bħala parti mill-attivitajiet li jsiru f'Jum Ta' Xbiex. Huwa ħa l-inkarigu li jagħmel l-arranġamenti dwar dan u jirraporta.

Is-Sindku pproponiet li din is-sena, minħabba li se jkun hawn l-elezzjoni għal-Membri tal-Parlament Ewropej, Jum Ta' Xbiex jiġi ċċelebrat iktar tard. Kulħadd qabel ma dan. Ġie deċiż li jitfassal program bl-attivitajiet fosthom dawk tradizzjonali u kulturali. Kulħadd qabel ma dan. Kien hemm qbil ukoll li tiġi organizzata ġita għal Sqallija.

xii Is-Sindku rreferiet għal-Memo dwar applikazzjonijiet għal fondi speċjali. Ġie deċiż li ssir lista ta' proġetti u nqabbdu Perit biex jagħmel l-estimi neċessarji.

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU E|EKUTTIV

i Is-Segretarju Eżekuttiv rreferiet ghal-konferenza *Zooming* li qed tiġi organizzata mill-MEUSAC li se ssir bejn it-13 u l-15 ta' Mejju li ġej. Hija nfurmat li d-delegazzjoni mill-Muniċipju ta' Ilioupoli se tasal Malta it-Tlieta 12 ta' Mejju fi'xi 7.00 ta' filgħodu. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li dak in-nhar issir laqgha fil-Kunsill. Ġie deżiż ukoll li l-ikla uffiċjali mar-rappreżentatnti kollha ssir il-Ġimgħa filgħaxija.

ii Il-Kunsill approva li jinxtraw siġġijiet ġodda ghal-*conference room*.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## VI APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti kif ukoll il-*petty cash*.

**Il-Laqgħa spiċċat fis-7.35pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju 2009 fit-3.00p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv